MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2004

Numru 657/1997

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONNICI
VS
ADRIAN BORG
ANTOINE JOSEPH ZAMMIT
NOEL JOSEPH SCIBERRAS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Adrian Borg ta’ 43 sena, iben Michael Angelo u l-mejta Josephine nee’ Muscat, mwieled Tas-Sliema nhar il-21 ta’ Settembru 1953, u residenti gewwa Villa Borg Virgo, Triq il-Madliena, Madliena, Swieqi. Numru tal-karta ta’ l-identita’ 822253(M); Antoine Joseph Zammit ta’ 26 sena, iben Vicotr u Mary nee’ Bugeja, mwieled H’Attard nhar l-24 ta’ Marzu 1971, u residenti gewwa fond “Morning Due”, Triq San Pawl, Had-Dingli. Numru tal-karta ta’ l-identita’ 146971(M); u Noel Joseph Sciberras ta’29 sena, iben Joseph u Rosanna nee’ Xuereb, mwieled H’Attard nhar it-

13 ta’ Settembru 1968 u residenti gewwa fond numru 250, Triq il-Liedna, Fgura. Numru tal-karta ta’ l-identita’ 361168(M).

Lil Adrian Borg, Antoine Joseph Zammit u Noel Sciberras, talli f’dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar erba’snin, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li kienu maghmula b’resoluzzjoni wahda, fil-kariga taghhom bhala Kustodji u Gwidi impjegati mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, bhala ufficcjali jew impjegati pubblici, gahl vantaggi privati taghhom, matul dawn l-ahhar erba’ snin ghamlu uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli li kienu gew fdati lilhom minhabba l-kariga jew impjieg taghhom (kap. 9, art.127).

U iktar talli fil-kariga taghhom bhala Kustodji u Gwidi impjegati mad-Dipartimenti tal-Muzewijiet, bhala ufficcjali jew impjegati pubblici, dolozament bil-ksur tad-dmirijiet taghhom, matul dawn l-ahhar erba’ snin, ghamlu jew naqsu li jaghmlu xi att b’taghkis jew bi hsara ta’ haddiehor. (kap9, art138).

U iktar talli fil-kariga taghhom bhala Kustodji u Gwidi impjegati mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, bhala ufficcjali jew impjegati pubblici, matul dawn l-ahhar erba’ snin, ikkommettew reati illi huma kellhom josservaw illi ma jsirux, jew li minhabba l-kariga taghhom kellhom jaraw illi ma jsirux.

U iktar talli fil-kariga taghhom bhala Kustodji jew Gwidi impjegati mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, f’xi hin bejn is-sebgha ta’ filghodu u s-siegha ta’ wara nofs inhar ta’ nhar id-29 ta’ Settembru 1997 u f’hinijiet ohra matul l-erba’ snin ta’ qabel, minn diversi muzewwijiet nazzjonali jew minn postijiet ohra li jaqghu taht l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Muzewijiet jew tal-Gvern ta’ Malta, fosthom minn l-Armerija tal-Palazz u minn l-‘State Rooms’ tal-Palazz li jinsabu fil-Belt Valletta li jaqghu taht l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Muzewijiet, approprijaw irwiehom billi

dawru bi profit  ghalihom jew ghal persuni ohra qliegh minn dhul fl-entraturi ta' muzewijiet liema qliegh kellu jghaddi f'idejn il-Gvern ta' Malta, liema qliegh ghamluh waqt li kienu fdati jew ikkunnsinnati lilhom affarijiet ta' valur u flus kontanti, liema affarijiet kienu gew fdati lilhom taht it-titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta' l-affarijiet lid-Dipartiment tal-Muzewijiet jew li jsir uzu specifikat minn l-istess affarijiet, liema qerq kien jammonta f'iktar minn elf lira Maltin u sar ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Lil Adrian Borg u Antoine Joseph Zammit wahedhom, talli fil-kariga taghhom bhala Kustodji u Gwidi impjegati mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, bhala ufficjali jew impjegati pubblici, f'xi hin bejn is-sebgha ta' filghodu u s-siegha ta' wara nofs inhar ta' nhar id-disgha u ghoxrin ta' Settembru 1997 u f'hinijiet ohra matul l-erba' snin ta' qabel, minn diversi muzewijiet nazzjonali jew minn postijiet ohra li jaqghu taht l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Muzewijiet jew tal-Gvern ta' Malta, fosthom minn l-Armerija tal-Palazz u minn l-'State Rooms', tal-Palazz li jinsabu fil-Belt Valletta u li jaqghu taht l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Muzewijiet, ikkommettew serq ta' flus kontanti u biljetti tad-dhul fil-muzewijiet li kollha ghandhom valur, liema serq kien jammonta f'iktar minn elf lira Maltin (Lm1000) izda inqas minn ghaxar t'elef lira Maltin (Lm10,000), ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin (Lm1000) bil-persuna u bil-hin.

Lil Noel Sciberras wahdu talli fil-kariga tieghu bhala Kustodju u Gwida impjegat mad-Dipartiment tal-Muzewijiet, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, f'xi hin bejn is-sebgha ta' filghodu u s-siegha ta' wara nofs inhar ta' nhar id-disgha u ghoxrin ta' Settembru 1997 u f'hinijiet ohra matul ix-xhur ta' qabel, minn diversi muzewijiet nazzjonali jew minn postijiet ohra, li jaqghu taht l-amministrazzjoni tad-Dipartiment tal-Muzewijiet jew tal-Gvern ta' Malta, fosthom mill-Armerija tal-Palazz u minn l-'State Rooms' tal-Palazz li jinsabu fil-Belt Valletta u li jaqghu taht l-amministrazzjonitad-Dipartiment tal-Muzewijiet, ikkommetta serq ta' flus kontanti u biljetti tad-dhul fil-muzewijiet li kollha ghandhom valur, liema serq

kien jammonta f'iktar minn mitt lira Maltin (Lm100) izda inqas minn elf lira Maltin (Lm1000) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa kwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin (Lm100), bil-persuna u bil-hin.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat l-artikoli elenkati mill-Avukat Generali taht liema artikoli din il-Qorti tista ssib il-htija fl-imputati.

Rat illi l-imputati m'ghandhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 2004 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti.

Rat in-nota konjuttiva tal-Avukat Generali u tal-imputati.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 2004 fejn Dr Mark Said fisser lill-Qorti illi bi probation order msemmija fin-nota huwa ried ifisser conditional discharge ghal tlett snin.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi ghal dawn il-motivi u li wara li rat l-Artikoli 18, 127, 138, 141, 293, 294, 261 ( c ) (d) (f), 267, 268, 281, 17, 31, 308, 309, 310, 270, 453A(1) u (2) tal-Kap 9, Art 22 Kap 446, ssib lill-imputati hatja skond l-akkuzi u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------